MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 1187/2009

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

***kontra***

**Mighel Azzopardi (I.D. Nri. 76383M)**

**Il-Qorti -**

**Rat** ir-rikors guramentat prezentat fit-30 ta' Novembru 2009 li jaqra hekk-

*1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat fis-27 ta' Gunju 2006 in atti Nutar Dottor Jonathan Zammit (Dok. 'A') is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Mighel Azzopardi ;*

*2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Mighel Azzopardi fis-somma ta' erbgha u sittin elf, sitt mija u hamsa u tmenin Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€64,685.47) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Mighel Azzopardi mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B", "C1 sa C4", "D1 sa D4") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-17 ta' Novembru 2009 sad-data tal-effettiv pagament ;*

*3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Mighel Azzopardi:(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Mighel Azzopardi li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici ;*

*4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment ;*

*5. Illi l-konvenut Mighel Azzopardi gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata fid-9 ta' Settembru 2009 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "E", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha –*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Mighel Azzopardi (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Mighel Azzopardi li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-*

*possibbilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.*

*2. Tikkundanna lil Mighel Azzopardi jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha u sittin elf, sitt mija u hamsa u tmenin Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€64,685.47) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Mighel Azzopardi mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B", "C1 sa C4", "D1 sa D4") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-17 ta' Novembru 2009 sad-data tal-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata fid-29 ta' Settembru 2009 kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.*

**Rat** l-elenku ta' dokumenti esebiti mis-socjeta' attrici flimkien mal-lista tal-persuni li indikat bhala xhieda.

**Rat** li r-rikors guramentat kien debitament notifikat lill-konvenut (tergo ta' fol 30) li min-naha tieghu ghazel li ma jipprezentax risposta mahlufa u hekk baqa' kontumaci.

**Rat** li l-konvenut kienu ukoll debitament notifikat bl-avviz tas-smigh tal-kawza (tergo ta' fol 32).

**Semghet** lill-konvenut jixhed fl-udjenza tal-lum fejn ammetta t-talbiet attrici.

**Peress** li bl-ammissjoni tal-konvenut, it-talbiet attrici gew debitament ippruvati.

**Ghalhekk din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti kontra l-konvenut, bl-ispejjez u bl-imghax kif mitlub jithallsu mill-istess konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------